MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Numru. 1303/2009

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Nazareno Formosa, iben Francis, imwieled Albert Town, Marsa fis-27 ta’ Awwissu, 1950, Karta ta’ l-Identita numru 811550(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-20 ta’ Ottubru, 2009 għal ħabta tal-4.15 p.m. u ħinijiet wara ġewwa l-fond ‘Lajmac Farm’ sitwat fil-Qasam Industrijali tal-Marsa u fl-għassa tal-pulizija ta’ Paola:
1. bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna u cioe’ lil John Cauchi mill-Ħamrun u John Vella minn Birkirkara akkuża lil dawn il-persuni quddiem awtorita’ kompetenti b’reat fil-waqt li kien jaf li dawn il-persuni huma nnoċenti;

2. talli fl-istess data, lok, ħinijiet u ċirkostanzi ddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat, li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar;
3. talli fl-20 ta' Ottubru, 2009 għal ħabta tas-7.00 p.m. u żminijiet u ħinijiet qabel, fil-fond jew fid-dintorni tiegħu, cioe' fil-Farm magħruf Lajmac sitwat fil-Qasam Industrjali tal-Marsa, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, żamm jew kellu fil-pussess u taħt il-kontroll tiegħu, arma tan-nar (senter) tal-marka mhiex magħrufa u bin-numru tar-reġistrazzjoni 54153, kif ukoll ġarr l-istess arma li hi arma regolari mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. talli fi żminijiet qabel l-20 ta' Ottubru, 2009 ġie fil-pussess ta' arma tan-nar milli b'liċenzja u naqas li jirraporta minnufih lill-pulizija meta akkwista senter tal-marka mhix magħrufa u bin-numru tar-reġistrazzjoni 54153;
5. talli fi żminijiet qabel l-20 ta' Ottubru, 2009 bħala eredi jew il-kustodju ta' huħ Saviour Formosa, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 158238(M), li miet fit-2 ta' Lulju, 1995 fi żmien sentejn minn mewtu naqas li jiddisponi mill-arma tal-marka mhux magħrufa, bin-numru tar-reġistrazzjoni 54153, billi ttrsferiha lilu jew lil xi persuna li jkollha liċenzja jew għamel l-istess arma ma tiffunzjonax, jew ikkonsenja l-istess arma lill-Kummissarju tal-Pulizija;
6. talli fl-istess data u ħinijiet ġewwa u barra l-fond Lajmac Farm sitwat fil-Qasam Industrijali tal-Marsa qabad arma tan-nar cioe' senter tal-marka mhix magħrufa u bin-numru tar-reġistrazzjoni 54153 u hedded lil John Cauchi mill-Ħamrun u John Vella minn Birkirkara;
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tiġi revokata l-liċenzja maħruġa f'isem Nazareno Formosa.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' John Cauchi mill-Ħamrun u John Vella minn Birkirkara u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Mejju, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 64(1), 101, 110(2) u 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 5(1), 41 u 42 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum. Tordna l-konfiska tas-senter eżebit favur il-Gvern ta’ Malta. Minbarra dan, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u torbot lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta lil John Cauchi u John Vella għal żmien sena taħt penali ta’ €230.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------